MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru 2015.

Talba Numru: 188/15AM

Numru fuq il-Lista: 27

**GO plc – C22334**
**Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs.**

**Victoria Anne Scanlon (ID 63041A)**
**Country Court, Flat 5,**
**Triq it-Tunnara,**
**Naxxar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-18 ta' Marzu, 2015 li permezz tiegħu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tlett mija tlieta u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€393.71c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40173163 moghtija mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz tal-affafidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici ghadu dovut u ma thallasx lanqas in parte.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija tlieta u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€393.71c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha f'din it-talba, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata taht l-Artikolu 166A tal-Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**